MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 365/2001/1

**Mario Mifsud.**

**vs.**

**Marisa Tabone.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta’ Marzu 2001 (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi l-attur, Mario Mifsud u l-konvenuta, Marisa Tabone zzewgu fis-7 ta’ Gunju 1995 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. “MM1”;

Illi ma twieldux ulied miz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha mpossibbli ghall-konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, kif ser jigi pprovat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tas-7 ta' Gunju 1995 fuq imsemmi huwa null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti li ghamel l-attur (a fol. 4);

Rat in-nota pprezentata mill-attur datata 8 ta' Marzu 2001 fejn permezz taghha pprezenta c-certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok. "MM1".

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 5 ta' Settembru 2001 fejn eccepiet bir-rispett:-

1. Illi hija taqbel mat-talba attrici li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Gunju 1995 ghandu jigi dikjarat null u bla effett pero` ghall-htigijiet u ragunijiet imputabbli lill-attur u ghalhekk ma ghandhiex tbaghti spejjez.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta datati 25 ta' Settembru 2001 fejn gie nominat Dr. Edward Zammit Lewis bhala Perit Legali;

Rat in-nota ta' l-attur tas-7 ta' Jannar 2002 fejn gie permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess;

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 4 ta' April 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess u dak ta' Annunziata Tabone;

Rat l-avviz ta' l-10 ta' April 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond C. Pace LL.D;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta, ta' l-10 ta' Ottubru 2002;

Rat ir-rikors ta' l-attur ta' l-4 ta' Marzu 2003 fejn talab lill-Qorti sabiex tawtorizza lill-Perit Legali jahlef ir-rapport fir-Registru tal-Qrati Superjuri;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2003 fejn gie mahluf ir-rapport tal-Perit Legali;

Rat id-digriet tal-21 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba *stante* li r-rapport kien diga` jinsab mahluf.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum, 26 ta' Frar, 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI.

Illi fix-xhieda tieghu l-**attur** qal fis-sustanza s-segwenti:

*“Nghid illi b’kollox domna gharajjes tmin (8) snin, pero` ma nistax nghid illi din ir-relazzjoni kienet wahda kontinwa. Tul dawn it-tmien (8) snin kien hemm diversi drabi fejn hassarna l-gherusija u rgajna rrangajna. Jiena nikkalkula li b’kollox iggielidna, hassarna u ergajna rrangajna ghal xi ghaxar (10) darbiet.*

*Illi nippreciza li meta konna nhassru waqt l-gherusija, konna ndumu ma nergghu nirrangaw. Darba minnhom, meta konnha ilna nohorgu tlett snin u nofs, konna qtajna minn xulxin ghal xahrejn shah. Meta konna niggieldu dejjem kienu jghaddu l-gimghat biex nergghu nirrangaw u tul iz-zmien li konna nkunu miggildin u mifrudin minn xulxin lanqas biss konna nitkellmu ma’ xulxin u ma kienx ikun hemm ebda komunikazzjoni bejnietna.*

*Illi nghid li wara li zzewgina konna morna ghand councellor. Il-councellor kienet qaltli li ahna konna zzewgina tant kemm drajna lil xulxin. Illum nhares lura naghraf li din kienet ir-raguni ghaliex konna izzewigna. Ghalkemm konna ilna nafu lil xulxin ma kienx hemm komunikazzjoni bejnietna.*

*Illi konna ghamilna d-data tat-tieg ghax il-konvenuta qaltli “hbiebi zzewgu u ahna qatt m’ahna ser nizzewgu”. Jien ghidtilha li jekk trid nizzewgu issa ilna gharajjes. Wara z-zwieg kienet tghidli li “jien zzewigtek ghax thajjart mill-hbieb tieghi”.*

*Illi Marisa ma riedetx tfal, dejjem bil-biza’ li tinqabad tqila. Waqt iz-zwieg gieli kienu jghaddu tlett xhur qabel ma jkollna x’naqsmu bejnietna. Hafna drabi kienet iggib l-iskuza li ghandha l-‘period’, u affarijiet ohra bhal dawn. Dejjem kienet iggib l-iskuzi.*

*Illi qabel iz-zwieg ma tantx tkellimna. Ahna ma tantx konna nitkellmu la qabel u lanqas wara z-zwieg. Qatt ma ddiskutejna fuq it-tfal. Jiena xtaqt li jkolli. Hi kienet taf li jiena xtaqt it-tfal imma kienet dejjem tghidli “issa s-sena d-diehla”. Meta kien ikollna x’naqsmu flimkien, hi ma kienitx*

*tkun trid li jkollna r-rapport komplut. L-ahhar erba' (4) xhur taz-zwieg lanqas konna biss nharsu lejn xulxin. Dejjem kellna problema fuq il-kwistjoni tas-sess.*

*Illi nghid ukoll fir-rigward ta' flus u pagi dejjem ghal rasna. Il-konvenuta lili qatt ma wrietni kemm ghandha paga hi. Waqt iz-zwieg kienet tispicca x-xoghol fl-erbgha u kienet tigi d-dar fid-disgha. Hi kienet tghidli li kienet tkun ghand ommha, huha kien jigi qabli. Wara z-zwieg kienet tghid li hi zzewget ghax thajret minn shabha."*

Illi fis-sustanza **Mary Doris Mifsud,** li tigi omm l-attur, xehdet illi l-kontendenti kienu dejjem bil-glied bejniethom fl-gherusija taghhom anke fi zmien vicin it-tieg taghhom. Din ix-xhud ikkonfermat illi l-attur kien tah attakk tal-*fit* nhar il-Gimgha l-Kbira tas-sena 1995. Sakemm l-attur dam l-Isptar San Luqa, il-konvenuta qatt ma marret tarah. Din ix-xhud ikkonfermat ukoll illi fil-prezenza tal-konvenuta ukoll, il-Professur Galea Debono accertaha illi binha l-attur ma kienx ibaghti minn xi kondizzjoni illi tista' b'xi mod twassal illi huwa jibdew jaghtuh dawn it-tip t'attakki regolarment izda jista' jkun illi li qabdu l-attur kien kawza tat-tensjoni li huwa kellu ghaliex kienet riesqa l-gurnata tat-tieg. L-istess konvenuta kienet staqsiet lill-Professur jekk kienx il-kaz illi jekk huma jkollhom it-tfal dawn jibdewx ibatu minn *epileptic fits* u l-istess Professur irrispondiha illi huwa lanqas kien f'pozizzjoni illi jikkonstata jekk l-attakk li tah l-attur kienx fil-fatt *epileptic fit*. Ix-xhud qalet ukoll illi sakemm il-kontendenti damu jghixu ghandha kienet hija illi kienet tiehu hsieb lil binha l-attur, ghaliex il-konvenuta kienet tmur ghandha sabiex torqod biss u ma kienet taghmel xejn fid-dar.

Illi **Emanuel Azzopardi**, z-ziju ta' l-attur, xehed is-segwenti:

"*Nghid illi hmistax jew tlett gimghat qabel it-tieg ta' Mario Mifsud ma' Marisa Tabone kien inqala` ncident bejniethom.*

*Illi nghid illi kien cempilli Mario sabiex immorru ghal xi affarijiet bhala xorb alkoholiku illi kien se jintuza fit-tieg u dan minhabba l-fatt illi huma kienu ggieldu.*

*Illi jiena naf illi dawn kienu jiggieldu ta' spiss ghaliex kienet tghidli ohti.*

*Illi jiena fil-fatt mort ma' Mario ghall-affarijiet u qasmu n-nofs ta' l-affarijiet.*

*Illi jiena sirt naf imbaghad illi regghu rrangaw ghaliex kienet qaltli ohti.*

*Illi jiena ma hadt pjacir xejn illi dawn regghu rrangaw ghaliex huma ma setghux jibqghu sejrin hekk dejjem jiggieldu u Marisa Tabone dejjem tghajjru.*

*Illi nghid illi niftakar f'incident iehor illi inqala` xi disa' xhur qabel iz-zwieg taghhom.*

*Illi Mario Mifsud dak iz-zmien kien jahdem ma' Fino mieghi.*

*Illi l-incident fil-fatt inqalgha bejni u bejn Mario ghaliex Mario allega illi jiena kont fil-fatt ittantajtlu l-gharusa u cjoe' lil Marisa Tabone.*

*Illi milli stajt nifhem jiena dakinhar kienet Marisa Tabone illi qaltlu dawn l-affarijiet u cjoe' illi waqt li kienet fuq stage tal-karozza tal-linja jiena ittantajtha.*

*Illi jiena kont ghidt lil Mario illi dan mhux minnu ghaliex jiena lanqas biss kont nafha jew ngharafha jew naraha barra".*

Illi fix-xhieda taghha, **Moira Caruana** bil-gurament taghha qalet is-segwenti:-

"*Illi jiena nigi oht l-attur. Fil-fatt jiena izghar minn Mario hames snin.*

*Illi nghid illi fiz-zmien meta hija Mario kien ghadu gharus mal-konvenuta jiena kont ghadni nghix id-dar ghaliex kont ghadni ma zzewwgitx.*

*Illi niftakar illi hija u Marisa Tabone kienu dejjem jiggieldu.*

*Illi niftakar ukoll qabel iz-zwieg taghhom illi l-konvenuta kienet dejjem tghajjar lil hija li qed jihxien u li qed jaqghalu xagharu.*

*Illi nzid nghid illi t-tghajjir li hija qieghed jaqghalu xagharu minn naha tal-konvenuta beda` ftit wara illi dawn izzewgu.*

*Illi nzid nghid illi fil-prezenza tieghi diversi drabi l-konvenuta meta tiggieled ma' hija kienet tghidlu dawn il-precizi kelmiet: "Ma nafx x'qeghda naghmel mieghek."*

*Illi r-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda mimlija glied u ta' sikwit Mario kien jigi d-dar u jghidilina illi huma kienu hassru jew inkella nismaghhom jitkellmu fuq it-telefon u nisma hafna ghajjat u twerziq.*

*Illi meta kienu jhassru, milli niftakar jiena, daqqa kienu jhassru ghal ftit sighat u daqqa jhassru ghal granet shah.*

*Illi niftakar illi meta huma ddecidew illi jizzewgu huma kienu sejrin joqghodu ghand omm il-konvenuta ghaliex huma ma kellhomx post taghhom.*

*Illi madanakollu, omm il-konvenuta ma riditx lil hija illi huwa joqghod wahdu fid-dar taghha u ghalhekk huma gew joqoghdu ghandna.*

*Illi niftakar illi hekk kif precizament izzewweg u tul iz-zwieg kollu hija Mario xorta wahda baqa' jigi jiekol id-dar taghna u huwa kien jghidilna illi l-konvenuta ma kienet tlesti xejn ghall-ikel.*

*Illi jiena kont ninnota illi filwaqt illi hija kien mohhu sabiex joqghod lura mill-kapricci halli jhallas id-dejn tad-dar illi huma kienu xtraw flimkien, il-konvenuta kien mohhha aktar sabiex tixtri hwejjeg tad-ditta."*

Illi fix-xhieda tieghu, **Jonathan Mifsud**, bil-gurament tieghu qal is-segwenti:

"*Illi jiena nigi hu l-attur. Fil-fatt jiena ghaxar snin izghar minn hija Mario.*

*Illi nghid illi jiena niftakar b'incident wiehed li gara bejn hija u l-konvenuta u li kont prezenti ghalih jiena li gara gewwa Birzebbugia.*

*Illi nghid illi hija u l-konvenuta kienu ggieldu u tghajjru sew it-tnejn li huma.*

*Illi nghid illi dan kien ilu madwar seba' snin ilu.*

*Illi niftakar illi r-relazzjoni ta' bejniethom qabel u anke wara z-zwieg ma kinitx wahda facli ghaliex kienu il-hin kollu jiggieldu. Darba minnhom il-konvenuta stess qaltli illi jiena fil-fatt kont ahjar minn hija Mario.*

*Illi niftakar illi l-konvenuta kienet tghid lil hija illi hija kellha part-time id-Dowty, izda dan ma kienx veru ghaliex jiena stess kont naraha illi ma kinitx tmur ghax-xoghol u kienet tkun band'ohra gewwa l-Marsa."*

Illi fix-xhieda taghha, **Emanuela Persiano**, qalet is-segwenti:

"*Illi jiena nigi n-nanna tal-konvenuta.*

*illi nghid illi niftakar f'incident partikolari fejn id-dar tieghi kien hemm binti Nancy illi tigi omm il-konvenuta.*

*Illi niftakar illi kien gie l-attur id-dar tieghi fejn l-attur talab lil Nancy halli jmorru ghand il-Kappillan sabiex tigi ffissata d-data tat-tieg.*

*Illi niftakar illi ghall-ewwel Nancy dehret illi ma tridx tmur mieghu ghand il-Kappillan, izda l-attur baqa' jinsisti ghal darba darbtejn halli din tmur mieghu.*

*Illi niftakar illi Marisa Tabone dak il-hin ma kinitx id-dar.*

*Illi niftakar ukoll l-attur qal lil Nancy dawn il-precizi kelmiet: “Mela qeghda tisthi tigi mieghi.”*

*Illi nghid illi fl-ahhar u wara insistenza mill-attur Nancy kienet marret ghand il-Kappillan.*

*Illi niftakar illi darb’ohra l-konvenuta kienet giet imwerwra ghandi u fil-prezenza tieghi kienet tkellmet ma’ ommha. Nzid nghid illi jiena ma nafx ghalfejn il-konvenuta kienet giet imwerwra d-dar.*

*Illi nzid nghid illi fl-ewwel incident illi semmejt dwar id-data tat-tieg dan kien qabel it-tieg ta’ bejn l-attur u l-konvenuta.*

*Illi nghid illi binti Nancy ma jidhirlix illi qatt semmietli xi data tat-tieg ta’ bintha l-konvenuta.”*

Illi fis-sustanza l-**konvenuta** qalet is-segwenti fl-affidavit taghha:-

*“Illi l-problemi ta’ bejnietna bdew circa wara sena li konna flimkien. Ghal kull haga ta’ xejn kien jahtafni u jekk nghidlu xi haga ghall-gid tieghu kien jibda jidghi. Imbaghad wara li jinduna li kont irrabjata mieghu, jitlobni skuza. Din il-haga kienet tirrepeti ruha ta’ kuljum. Maz-zmien kien beda` wkoll jerfa` jdejh fuqi. Wara glieda bhal din konna bhal dejjem inhassru. Peress illi t-tnejn li ahna dak iz-zmien konna niffrekwentaw il-pjazza ta’ Rahal Gdid, konna nergghu niltaqghu b’kumbinazzjoni u Mario kien jghidli li d-dagha, l-iswat u l-glied kollu se jieqaf. Jien kont dejjem incedi ghal kliem tieghu hu ghalhekk wara ftit jiem mifrudin konna nergghu nibdew nohorgu flimkien. Din il-haga fejn nispiccaw u mbaghad wara ftit jiem nerghu nibdew nohorgu ma’ xulxin kienet tigri ta’ spiss.*

*Illi madwar xahrejn qabel ma zzewwigna Mario tah epileptic fit fuq il-post tax-xoghol tieghu. Sa dakinhar jien qatt ma kont naf illi Mario ibaghti mill-epilepsy. Mario kienu haduh l-isptar mix-xoghol stess u Rose Spiteri li tigi z-zija tieghu kienet cemplitli u qaltli b’dak li kien gara. Dakinhar stess, Rose Spiteri, flimkien mar-ragel taghha*

*kienet giet ghalija d-dar t'ommi u morna l-isptar naraw lil Mario flimkien. Sakemm Mario baqa` l-isptar jiena kont immur narah ta' kuljum wara x-xoghol.*

*Illi mbaghad jiena ghidt lil Mario li rrid immur ghand il-Professur Galea Debono sabiex jiena nkun bic-cert minn xiex Mario kien qed ibaghti. Fil-fatt konna morna flimkien ma' ommu ghand il-Porfessur Galea Debono. Meta dhalna, l-ewwel ma rajna kienet nurse, u ommu qaltilha 'Hu vera epileptic fit huwa bhal hass hazin zghir?' In-nurse imbaghad spjegat ezattament x'inhi epileptic fit. Dhalna quddiem il-Professur u spjegajtlu illi peress li kont se nizzewweg ma' Mario xtaqt inkun naf x'kellu ezatt. Hu qalli li Mario kien tah epileptic fit u li din il-marda mhux dejjem tintiret. Kif hrigna mill-Isptar, Mario beda` jiggieled mieghi ghax kien iddejjaq ghax ridt inkun naf x'ghandu.*

*Ftit qabel ma zzewwigna ergajna iggelidna u ridna nhassru d-data taz-zwieg. Niftakar li kien gie d-dar tieghi flimkien ma' ommu u zijuh u hadu diversi fliexken ta' alcohol u telqu. Niftakar illi omm Mario kienet qed tghid "Issa mmorru nixorbuhom dawn u nixxalaw."*

*Illi madwar jumejn wara, kont qeghda nimxi Rahal Gdid u kien rani Mario. Staqsieni sabiex nergghu nirrangaw kollox u ahna hekk konna ghamilna. Kien weghdni li se jirranga hafna affarijiet u minn dan kollu ma sar xejn."*

Illi in kontro-ezami l-konvenuta qalet is-segwenti:

*"Illi nghid illi r-raguni ghalfejn jiena kont izzewwigtu kienet ghaliex huwa qabad u iffissa d-data tat-tieg.*

*Illi nghid illi jiena xorta wahda kont inhobbu u kont nipprova nahfirlu ta' dak li huwa kien jaghmilli. Huwa stess kien jghidli biex nahfirlu ghaliex kien se jibdel hajtu.*

*Illi nghid illi jiena iltqajt ma' l-attur meta kelli hmistax–il sena u huwa kien l-ewwel 'steady boyfriend' tieghi.*

Illi **Annunziata Tabone**, li tigi omm il-konvenuta, xehdet is-segwenti:

*"Illi niftakar illi wara sena illi Marisa u Mario bdew johorgu flimkien bdew jiggieldu ta' spiss. Kienu jiggieldu fuq diversi affarijiet. It-tifla tieghi ma kinitx tiehu gost meta Mario kien iqaxxar xaghru u jien flimkien mar-ragel tieghi, Gino, konna nghidulu b'dan u hu kien ikellimna hazin. …..*

*Sena qabel ma zzewgu jiena kont qeghda ghand id-dar ta' ommi u kien gie Mario u qalli sabiex mmur mieghu biex niffissaw id-data taz-zwieg. Jiena kont ghidtlu kif tista' tiffissa data minghajr Marisa. Hu kien qalli li Marisa stess kienet qaltlu sabiex jiffissa d-data. Meta qalli hekk, mort mieghu ghand il-Kappillan ta' Hal Tarxien u Mario ffissa d-data. Staqsejtu fejn ser imorru joqghodu u qalli "mieghek". Dak kien iz-zmien meta kien miet r-ragel tieghi u ghalkemm kont ixxukjata b'dak li qalli, jien ghidtlu "iva."*

*Illi wara sirt naf li Marisa mhux vera kienet qalet lil Mario sabiex jigi jsibni u mmur mieghu biex niffissaw data u dan peress li kienet Marisa stess li kellha tmur mieghu."*

Illi l-attur in subizzjoni xehed is-segwenti:

*"Illi jiena kont immur seduti gewwa l-Caritas u dan sabiex jiena naqta' mill-vizzju tad-droga.*

*Nghid illi jiena qatt m'ghamilt program shih.*

*Illi dan kien meta jiena kont ghadni guvni ta' hmistax–il sena.*

*Illi nghid illi jiena kont niehu biss xi ftit pirmli u xi daqsxejn haxixa.*

*Illi jiena kont niehu ftit kuljum fuq perjodu ta' sena.*

*Illi darb'ohra kienu tefghuli xi velenu gewwa s-7-Up xi nies minn fuq ix-xoghol u jiena tlaqt il-Qorti bhala xhud tal-Pulizija. Jiena qatt ma gejt imharrek mill-Pulizija fuq xi pussess ta' droga.*

*Illi jiena bhala pirmli li nsib kont niehu u bhala haxixa kont niehu xi darbtejn fil-gimgha.*

*Illi mistoqsi ghalfejn ma semmejtx il-fatt hawn fuq indikati fl-affidavit tieghi jiena nirrispondi li ma kellix ghalfejn insemmihom.*

*Illi nghid illi waqt li jiena kont qed nohrog mal-konvenuta, jiena qatt ma' hadt droga.*

*Mistoqsi jekk dak li ghidt hawn fuq u cjoe' li jiena kont guvni ta' hmistax–il sena ghadux japplika meta fl-ewwel ta' l-affidavit tieghi jiena ghidt li iltqajt mal-konvenuta meta jiena kelli hmistax–il sena, jiena nwiegeb li fil-bidu li jiena kont bdejt nohrog mal-konvenuta ahna konna morna flimkien ghand id-Dottoressa Maria Sciberras fejn accertat lill-konvenuta li jiena m'ghadnix niehu droga.*

*Illi nghid illi bhala pilloli jiena kont nabbuza minn tipi varji ta' Valium.*

*Mistoqsi dwar l-ewwel paragrafu fit-tieni pagna riferibbilment ghal meta konna iggilidna xi tlett gimghat qabel it-tieg, jiena nwiegeb li ma niftakarx dwar x'hiex kienet din il-glieda.*

*Mistoqsi jekk konniex iggilidna minhabba li jiena kien tani attakk tal-hmar il-lejl, jiena nghid il dan m'huwiex vera, izda niftakar li fis-sena 1995 kien tani attakk ta' epilepsija.*

Illi x-xhud, Dr. Anthony Galea Debono, prodott mill-konvenuta qal hekk kif gej:
*"Nghid illi minn ricerka li ghamilt fir-records ta' l-Isptar San Luqa li jiena gibthom mieghi kif ukoll mir-records personali tieghi ma' jirrizultax illi l-attur qatt gie invistat minni.*

*Qed nigi muri Dokument 'MM3' li hija l-'letter of discharge' mill-Isptar San Luqa fejn l-istess dokument jindika illi l-attur kien pazjent tieghi.*

*Illi jiena nikkonferma l-kontenut ta' dan id-dokument u nzid illi jista' jkun li r-records li hemm dwar l-attur l-Isptar u li jiena gibt mieghi m'humiex kompleti.*

*Illi nghid ukoll illi ma niftakarx li jiena qatt rajt lill-attur qabel din l-admission u ma niftakarx li rajtu wara l-istess data.*

*Illi nghid illi jiena ma niftakarx li l-konvenuta u ommha gew ghandi halli jkellmuni dwar is-sahha ossia kondizzjoni ta' l-attur.*

*Inzid nghid illi 'Dok. 'MM3' iffirmat minn Dr. Grech li kien il-house-man tas-sala dak iz-zmien."*

## (II) Apprezzament tal-Provi.

Illi wara li gew prodotti u ndikati l-provi kollha mressqa f'din il-kawza, wiehed issa ghandu jghaddi biex janalizza jekk tali provi prodotti jikkostitwux bazi sufficjenti sabiex tigi milqugha t-talba attrici.

Illi qabel xejn pero` huwa doveruz illi wiehed jirrimarka fuq il-fatt illi f'din il-kawza effettivament ma gietx registrata oppozizzjoni da parti tal-konvenut ghat-talba attrici biex iz-zwieg in kwistjoni jigi dikjarat null u bla effett, anzi l-konvenuta fil-fatt qablet illi z-zwieg in disamina ghandu jigi iddikjarat null izda ghal ragunijiet imputabbli lill-attur. Madanakollu, kif gie ritenut diversi drabi mill-qrati nostrani, f'dawn it-tip ta' kawzi u cjoe' kawzi ta' annullament, anke meta ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-parti l-ohra u addirittura f'kazijiet fejn il-parti konvenuta tirregistra ammissjoni ghat-talba attrici, xorta wahda jehtieg illi jigi stabbilit illi hemm bazi reali u legali ghall-pronunzjament ta' l-annullament taz-zwieg. Di fatti fil-kawza fl-ismijiet **"Albert Grech vs Josette Grech"** deciza fit-30 t'April, 2002, (P.A. (RCP) enuncjat kif gej -:

*"Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li f'din il-kawza l-konvenuta tidher li qed tammetti ghat-talbiet attrici, izda kif gie ritenut fis-sentenza "Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia" (A.C. 15 ta' Jannar, 2002 – Citaz.*

*Nru. 165/95VDG) anke fil-kaz ta' "ammissjoni ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara wkoll* ***"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"*** *(PAQC – 4 ta' Novembru, 1994****); "Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"*** *(PAQC – 3 t'Ottubru, 1995);* ***"Evelyn Agius vs John Borg"*** *(PAQC – 4 t'Ottubru, 1995);* ***"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"*** *(PAQC – 10 ta' Novembru, 1995);* ***"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *(PAQC – 21 ta' Novembru, 1995);* ***"Terrence Richard vs Maria concetta Richard nee' Goodlip"*** *(PAQC – 22 ta' Frar, 1996);* ***"Alfred Tonna vs Maria Tonna"*** *(PAQC – 31 ta' Jannar, 1996);* ***"Bernardette Debono xebba Gauci vs Maria Debono"*** *(PAQC – 16 ta' Settembru, 1996")".*

Illi l-Qorti ser jghaddi biex tezamina t-talba attrici biex il-Qorti tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Gunju, 1995 fl-Ufficcju tar-Registru taz-Zwigijiet huwa wiehed null u bla ebda effett u dan a tenur tal-provvedimenti tas-**subincizi (d) u (f) ta' l-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi ghalkemm l-attur fic-citazzjoni ipprezentata minnu ma ndikax b'mod specifiku l-paragrafi taht liema z-zwieg in dizamina ghandu jigi iddikjarat null u bla effett jidher mill-premessi tac-citazzjoni illi z-zewg paragrafi citati huma dawk hawn fuq indikati.

Illi s-**subincizi (d) u (f) ta' l-artikolu 19(1) tal-Kap. 255** jinqraw kif gej -:

**"***B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra s-**subinciz (d) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jittratta dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Ghandu jigi rilevat mill-bidu nett illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku ghaliex kieku kien rikjest maturita' shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi z-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas tad-'*discretio iudicii'* huwa kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. (*vide* **"Angela Spiteri nee' Selvaggi vs Joseph Spiteri"** P.A. 4 ta Novembru 1994). Fil-fatt, il-Qorti, fl-imsemmija sentenza illi *ormai* saret pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrani, irriferiet ghall-guristi u l-gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta' nullita' fis-sens li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia 'foedus' … richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi, una integrita' di mente e di liberta', dato che si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (Colagiovanni – Forum 1990, Vol I pt. 1 pg.72).*

Illi pero`, kif gie rilevat aktar 'il fuq, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio' che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo – affettivo, ne' infine, una conoscienza*

*perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine "dicrezione di giudizio" che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena."* (***Pompedda M.F.*** **"Il Consenso Matrimoniale" "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova,1984 p 46).

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata **"Angela Spiteri nee' Selvaggi vs Joseph Spiteri"** (P.A.Q.C. 4 ta Novembru 1994) addottat id-definizzjoni ta' ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti u cjoe`:-

- *La piena avvertenza*
- *Il deliberato consenso*.

*"'La piena avvertenza' si riferisce alla sfera intellettiva, 'il deliberato consenso' a quella volitiva."…*

Illi l-istess gurista ikompli jispjega illi *"la discrezione di giudizio comprende la maturita di giudizio e la maturita affettiva ………la maturita' di giudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro".*

Mill-banda l-ohra ***Bersini*** jispjega illi *"la maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita', che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita di gudizio)*". (***Bersini F.*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale**. Torino. 1994 p. 97).

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita' mitlub *"e' la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' gurista eminenti iehor, ***Viladrich***, gja' citat izjed 'il fuq f'dan ir-rapport peritali, *"the discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties*

*which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”*. (***Viladrich, P.J.*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated”** (Monteal, (1993) pg. 686.)

Illi *oltre* dan ghandha ssir riferenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **“Janet Portelli vs Victor Portelli”** illi fiha l-Prim’Awla tal-Qorti Civili addottat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku ***Davino*** u osservat is-segwenti:-

*“It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

* *When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*

* *When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial;*

* *Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within*.” (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta’ Malta tal-11 ta Mejju 1990 **coram Bajada**. **Forum 2** (1991) pp 173-174).

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-Ligi Kanonika jinghad li *“Modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgment which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able effectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake “* (***Bruno***, 30 ta’ Mejju 1986 **“Monitor ecclesiasticus LXII”** (1987) 542/543).

Illi b'zieda ma' dan ghandu jinghad illi ghalkemm **il-Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif sostniet il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, dawn huma dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied".* F'dan ir-rigward tajjeb illi wiehed jaghmel riferenza wkoll ghad-definizzjoni li jaghti l-awtur Viladrich ta' dawk li huma d-dmirijiet u l-obbligi essenzjali taz-zwieg, u cjoe' "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687). Ta' l-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea v. John Walsh"**, P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Jigi rilevat ghaldaqstant illi inerenti f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi ghalhekk minn dan kollu jsegwi illi l-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet **"Joseph Borg vs Maria Nicolina**

**Cutajar"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999 – Citaz. Nru.1564/97RCP) u **"Kevin Spiteri v Dr. Renzo Porsella Flores"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000- Citaz. Nru.2443/97RCP). Wiehed ghaldaqstant ghandu jezamina fejn u meta jirrizulta illi hemm difett serju ta' diskrezjoni ta' gudizzju fuq id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi fil-kliem tal-gurista diga` citat **Villadrich** *"there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,* "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad kif gej:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun*

*taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995).
Illi madanakollu ghandu jerga' jigi ritenut dak illi diga' gie affermat iktar 'il fuq fis-sens illi kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal*

*difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (****"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja. **Bersini** jippostula kif gej dwar il-kwistjoni ta' kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-
*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso,*

*sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (ibid. pp. 97-98).*

Illi ghandu jigi ipprecizat, pero`, f'dan l-istadju, illi l-kuncett ta' "ghazla libera" *ossia* "kunsens hieles" ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, tant illi fil-kliem tal-gurista ***Pompedda*** *"… … ... se il soggetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku (**Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli*

*oneri essenziali della vita coniugale",* jghid **Bersini**, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. Cit., p. 99).

Illi ghandu jsir accenn ukoll ghall-pronunzjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Marzu, 2002 fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** rigwardanti l-kunsens tal-partijiet ghall-kontrattazzjoni taz-zwieg, u dan fis-sens segwenti:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg ….. mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinjifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *in oltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"**

(P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Suzanne sive Sue Rossi vs Benjamin sive Benny Bugeja"** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju, 2002) fost ohrajn, ghal liema sentenzi wkoll qeghda u ghandha ssir ampja riferenza.

Illi l-Qorti issa sejra tghaddi sabiex tezamina l-provi prodotti fil-kawza odjerna sabiex jigi valutat jekk da parti ta' wahda jew ohra mill-partijiet ghaz-zwieg *de quo* kienx hemm dan id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewga illi jirrendu z-zwieg minnhom celebrat null u bla ebda effett *ai termini* ta' l-**art. 19(1) (d) tal-Kap. 255**.

Illi l-espert legali jaghmel riferenza ghax-xhieda ta' l-attur. L-attur fis-sustanza xehed illi ghalkemm huwa kien ghamel tmin snin gherusija mal-konvenuta huma kienu jaghmlu hafna zmien miggieldin bejniethom. Huwa fil-fatt semma illi ghaxar darbiet bhala drabi li huma iggieldu bejniethom u hassru l-gherusija taghhom. Huwa qal ukoll illi kull darba li kienu jhassru huma kienu jhassru ghal gimghat shah. L-attur qal ukoll illi bejniethom ma kien ikun hemm l-ebda komunikazzjoni fis-sens illi dawn jitkellmu dwar iz-zwieg u ghal xiex huma kienu dehlin. Johrog b'mod car ukoll mix-xhieda ta' l-attur illi anke precizament wara z-zwieg huma baqghu kollox ghal rashom anke fejn si tratta ta' flus huma baqghu jikkomportaw irwiehhom bhala gharajjes u mhux mizzewgin. Il-kuncett ta' *sharing* bejn il-koppja kien inezistenti. Dan kollu li qal l-attur huwa kkoroborat mix-xhieda ta' Mary Doris Mifsud, Emanuel Azzopardi u Jonathon Mifsud.

Illi fix-xhieda taghha l-konvenuta ikkonfermat certa punti importanti. Il-konvenuta ikkonfermat li huma fil-fatt kienu jiggieldu hafna u li meta iltaqghet ma' l-attur hija kellha biss hmistax–il sena u huwa kien l-unika *steady boyfriend*

taghha. Hija qalet ukoll li hija kienet izzewgitu ghaliex huwa kien qabad u ffissa d-data tat-tieg kif ukoll sabiex taghmel bhalma kienu ghamlu shabha. Din ix-xhieda hija korroborata wkoll bix-xhieda ta' Emanuela Persiano, kif ukoll minn Annunziata Tabone li, kkonfermaw li l-attur kien qabad u iffssa d-data tat-tieg minghajr ma' kienet taf il-konvenuta.

Illi l-Qorti tikkonkludi mill-provi illi fil-mument illi l-partijiet taw il-kunsens lil xulxin kien hemm grad ta' immaturita' minn naha tat-tnejn. It-tnejn li huma ma kellhomx il-grad ta' maturita' rikjest *"non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano"*. Il-Qorti tasal ghal dan il-konvinciment minn diversi fatturi – kieku l-attur kellu d-diskrezzjoni ta' gudizzju rikjesta mill-ligi kieku huwa stess kien se jghid fix-xhieda tieghu u jammetti illi huma t-tnejn qatt ma tkellmu dwar x'jinvolvi z-zwieg? Kieku huwa stess kien se jghid illi anke precizament wara z-zwieg huma baqghu jghixu bhal qisu t-tnejn kienu ghal rashom? Kieku l-konvenuta kellha d-diskrezzjoni ta' gudizzju rikjesta mil-ligi kieku hija kienet se tghid fix-xhieda taghha illi hija izzewget lill-attur ghaliex huwa kien lahaq iffissa d-data tat-tieg? Kieku l-konvenuta kienet konsapevoli ta' l-obbligi u r-responsabbiltajiet illi jgib mieghu z-zwieg kieku hija kienet se tghid, hekk kif qalet fix-xhieda taghha, illi hija izzewget halli taghmel bhal shabha? Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha jwasslu lill-Qorti ghall-konvinciment illi minn naha kemm ta' l-attur, kif ukoll tal-konvenuta kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq dawk li huma r-responsabbilitajiet, l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.
Illi l-Qorti thoss illi hawn mhux *si tratta* ta' semplici ghazla hazina illi ghamlu l-kontendenti u issa permezz ta' dawn il-proceduri huma jridu jreggghu l-arlogg lura ghal qabel ma izzewgu jew inkella merament xi nuqqas ta' hsieb jew ta' riflessjoni da parti taghhom. Il-kontendenti meta huma ikkontrattaw iz-zwieg kienu nieqsa minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar iz-zwieg. Mill-provi prodotti mill-kontendenti jirrizulta kemm kienet nieqsa din il-maturita' li xekklithom milli jaghmlu gudizzju dwar iz-zwieg u l-hajja mizzewga. Hawnhekk jirrizulta d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti thoss li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null anke *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi t-tieni u l-ahhar raguni citata mill-attur ghal x'hiex iz-zwieg minnu celebrat mal-konvenuta nhar is-7 ta' Gunju, 1995 ghandu jigi iddikjarat bhala null u bla ebda effett huma d-dispozizzjonijiet tas-**subinciz (f) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255** illi jipprovdu illi z-zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*. Il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex jezamina din id-dispozizzjoni tal-ligi anke fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qrati nostrana u d-duttrina prevalenti.

Illi dan il-provvediment tal-ligi gie ezaminat u trattat b'mod ezawrjenti kemm fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u kif ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) ghal liema sentenzi qieghda ssir ampja riferenza.

Illi *in oltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi ta' l-istess portata huma s-sentenzi fl-ismijiet **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta'

Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi mill-gurisprudenza nostrana jista’ jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta’ taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta’ u l-assistenza, l-unita’ u l-indissobulita’ taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja u l-prokreazzjoni ta’ l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta’ ghajnuna u ta’ assistenza lil xulxin, b’impenn shih a favur ta’ xulxin u taz-zwieg taghhom. Fil-kawza **“Micallef vs Micallef”** deciza fl-4 ta’ Mejju, 1993, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi *“element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-hajja komuni (‘communio vitae’) bejniethom”.*

Illi mill-provi imressqa mill-attur jirrizulta illi bejnu u bejn il-konvenuta ma kienx hemm relazzjoni sesswali konsistenti u l-konvenuta kienet dejjem tipposponi illi, huma jkollhom it-tfal. L-attur izid ighid illi hafna drabi hija ma kenitx tkun trid illi jkollha mieghu r-rapport komplut. Dan fl-opinjoni tal-Qorti ma jwassalx sabiex wiehed jista’ jikkonkludi illi l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-espert legali ghamel riferenza ghall-provi prodotti mill-konvenuta u b’mod partikolari ghall-abbuz tad-droga da parti ta’ l-attur. Fl-opinjoni ta’ l-espert legali il-kwistjoni ta’ xi abbuz mid-droga da parti ta’ l-attur ma jreggix sabiex jindika xi vizzju fil-kunsens u dan ghas-semplici raguni illi irrizulta mill-provi li din kienet haga taz-zghozija ta’ l-attur u din kienet waqfet ferm qabel u cjoe’ snin qabel ma zzewgu l-partijiet u per konsegwenza bla ebda mod ma tista’ twassal ghal xi vizzju fil-kunsens ta’ xi parti. Mill-provi

prodotti din il-Qorti thoss li dawn l-konkluzzjonijiet ta' l-istess Perit Legali huma korretti u hawn taffermahom.

Illi l-Qorti tirrileva illi l-konvenuta qajmet ukoll il-kwistjoni ta' l-*epileptic fits* jew *fit* li kellu l-attur. Izda mill-provi prodotti bla ebda mod ma jirrizulta illi ingiebet xi prova cara u univoka illi l-attur kien ibaghti b'mod kroniku minn dawn l-*epilpetic fits* u b'xi mod ipprova jostor dan mill-konvenuta. Ghalhekk dan ukoll ma jistax jigi ikkonsidrat li jwassal ghal xi difett fil-kunsens tal-partijiet.

Illi ghal dawn il-motivi t-talba attrici abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** qed tigi michuda.

Illi, in konkluzjoni, ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku fil-7 ta' Gunju, 1995 huwa null u bla ebda effett a tenur tal-**paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi akkolta.
Illi mill-provi jirrizulta wkoll li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi iddikjarat null ghal ragunijiet imputabbli fuq iz-zewg partijiet. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda spejjez tal-proceduri odjerni dawn ghandhom jinqasmu fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tas-7 ta' Gunju 1995 fuq imsemmi huwa null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u senjatament abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------